MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-9 ta' Awwissu, 2010

Numru 816/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR NIKOLAI SANT**
**KONTRA**

**OMMISSIS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

OMMISSIS;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli :

1) Fit- 8 ta’ Awwissu 2010 ghall- habta tan-00.30am fi Triq Santu Wistin, San Giljan minghajr il- hsieb li joqtol jew li jqieghed l- hajja ta’ Mark Xuereb f’ periklu car, kkagunalu griehi ta’ natura gravi fil- gisem jew fis-sahha skond kif iccertifika Dr. M. Debono MD;

2) Aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il- bon ordni u l- paci pubblika b’ ghajjat u glied.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jirrikonsidra, u ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 214, 216 u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sena prigunerija sospiza ghal sentejn ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------